KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 62**

**It-Tlieta, 21 ta' Marzu, 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsillier *(online)* |
| Is-Sa Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Perit Carmel Caccopardo | *Contracts Manager (online)* |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

## 62.01 Qari ta' Ittri t'apoloġija

**62.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Hu mhux f'pożizzjoni li jattendi kemm fiżikament kif ukoll virtwalment. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**62.01.02** Il-Kunsillier Carlo Stivala ma wieġeb għall-ebda kommunikat dwar is-Seduta tal-llum.

## 62.02 Attendenza tal-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala

**62.02.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarka li mingħand il-Kunsillier Carlo Stivala għal darb'oħra ma kellu l-ebda kommunikat u se jagħti ċans 30 minuta, biex jekk dan ma jkunx preżenti dan jiġi imniżżel bħala assenti.

**62.02.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li llum hija seduta oħra li l-Kunsillier Carlo Stivala qiegħed immarkat bħala assenti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tenna li din il-laqgħa hija r-raba' (4) seduta konsekuttiva li fiha l-Kunsillier Carlo Stivala jinsab mmarkat assenti. Il-liġi tgħid li meta Kunsillier ikun assenti għal-erba' seduti konsekuttivi is-Segretarju Eżekuttiv għandu jgħarraf lil Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali b'dan in-nuqqas. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat kompla billi qal li fit-13 ta' Marzu 2023 bagħtlu email fejn fiha irrimarkalu li dan in-nuqqas se jitla seduta jekk dan ma jattendix, Fis-16 ta' Novembru 2022, huwa wkoll kien bagħtlu *e-mail* dwar l-attendenza u intalab jagħti spjegazzjoni ta' dan in-nuqqas, u sal-lum għad ma kien hemm l-ebda kommunikat mingħandu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv m'għandux għażla oħra għajr li se jkollu jimxi bil-liġi u li jressaq din il-kwistjoni quddiem il-Ministru.

Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu jistenna rispett bħal ma l-Kunsilliera preżenti dejjem juru meta jkun hemm is-seduta. Semma ukoll li hu tal-parir li tintbagħat ittra lil Ministru li l-Kunsillier Carlo Stivala falla ammont ta' laqgħat. Is-Sindku Scott Camilleri elenka diversi xogħolijiet li saru f'Birżebbuġa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hu diġa għandu rapport imħejji fejn juri l-laqgħat kollha minn Frar 2022, fejn il-Kunsillier Stivala attenda biss, għal erbgħa minn għoxrin seduta. Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi qal li jekk il-Kunsilliera preżenti jaqblu jintbagħat dan ir-rapport lil Ministru kkonċernat u dan jindika t-triq 'l quddiem kif se tkun.

Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-propostà.

## 62.03 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 61)

**62.03.01** Il-minuti tas-Seduta 61 ġew approvati unanimament wara proponiment tal-Kunsillier Joseph Farrugia, sekondat mill-Viċi Sindku Josette Busuttil.

## 62.04 *Arising* mill-minuti (Seduta 61)

**62.04.01** Ma kien hemm xejn *Arising* mill-minuti (Seduta 61)

## 62.05 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**62.05.01** *Interior works fil-binja tal-Kunsill:* L-Aġent Segretarju Eżeuttiv Jordy Brincat semma li bħal ma ġie approvat f'seduti passati se jinġabru l-kwotazzjonijiet għal-upgrade tal-Boardroom, kuritur ta' fuq, kif ukoll l-entratura tal-Kunsill Lokali. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat kompla billi semma li hu flimkien mal-iskrivani Christian Mifsud u Michael Farrugia iltaqgħu ma' erba' *Turnkey Contractors* biex ituna l-kwotazzjoni biex jsir dan ix-xogħol. Minn dawn l-erbgħa, tlieta irrispondew. Ix-xogħlijiet huma marbuta ma' sistema ġdida ta dawl, kommunikazzjoni tal-*aircondition*, trinek mgħoddija taħt il-mejda, *internet, wall-unit* tal-gypsum. Li m'hemmx inkluż hu l-mejda u s-siġġijiet, l-*air condition*, l-faċċati tal-aperturi u l-*frames*.

Is-Sindku Scott Camilleri semma li din l-istima taqbeż bil-bosta is-somma mitluba għal *direct order* u b'hekk saqsa biex din l-istima tiġi riveduta.

Il-Viċi Sindku Josette Busuttil saqsiet hekk kienx hemm talba lill-*handyman* tal-Kunsill hekk kif dan dejjem għamel xogħol u tagħna servizz tajjeb.

Sar qbil li l-kwotazzjonijiet jiġu riveduti.

**62.05.02** *30 Flexible Bollards:* Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm il-bżonn li jinxtraw 30 *Flexible Bollard* biex jitbiddlu dawk l-antiki li kien hemm, kif ukoll jinżammu minnhom fil-garaxx tal-Kunsill Lokali għal meta jkun hemm il-bżonn t'aktar *bollards*. Għal din il-kwotazzjoni intgħażlet il-kwotazzjoni Ċ għall-prezz ta' €991.20.

**62.05.03** *Qtugħ ta' ħaxix (Kantuniera tat-torri ta' San Luċjan):* Is-Sindku Scott Camilleri semma li din iż-żona mhux parti mit-*Tender* tas-*Soft Areas* u għalhekk kellha tintbagħat għal kwotazzjoni. Għal din il-kwotazzjoni intgħażlet il-kwotazzjoni E għall-prezz ta' €649.00

**62.05.04** *Materjal li ġie mitlub mill-Handyman għall-pitch tar-ramel tax-Xatt:* Is-Sindku Scott Camilleri semma li se jinbeda x-xogħol fil-pitch tar-ramel tax-xatt u għaldaqstant intalbu ammont ta' oġġetti mingħand il-*Handyman.* Għal din il-kwotazzjoni intgħażlet il-kwotazzjoni A għall-prezz ta' €3,641.00

**62.05.05** *Unformijiet għall-Iskrivani:* L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-istaff talab biex jinbidlu l-uniformijiet li kienu saru 2018. Wara li nstab li m'hemmx it-tlett (3) kwotazzjonijiet imma hemm waħda (1) biss, il-Kunsill qabel li nitolbu lill-iskrivan Christian Mifsud sabiex iġib żewġ (2) kwotazzjonijiet oħra imbagħad ikunu jistgħu jittresqu fis-seduta li jmiss.

**62.05.06** *Rubber floor tiles:* L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qall li l-Kunsill Lokali irċieva l-istima tar-*rubber floor tiles* mingħand il-kuntrattur li ħa l-kuntratt marbut mal-*maintanace* tal-bandli għat-tlett *playingfields* li fihom ser isiru x-xogħlijiet u l-installazzjoni tar-*rubber floor tiles* fuqhom. Din l-istima hi ta' €84,818.40 li jinkludi wkoll it-twaħħil tar-*rubber floor tiles.* Is-Sindku Scott Camilleri għamel kuntatt mal-Perit Luke Portelli biex jivverifika jekk dan l-ammont hux relattivament ekwi għal dak li hemm fis-suq. Minn korrispondenza datata fit-3 ta' Marzu 2023, il-Perit Luke Portelli ikkonferma l-prezz ta' €120 għal kull metru kwadru u li huwa fuq l-istess livell mal-prezzijiet ta'

bħalissa fis-suq. Sfortunatament, dawn il-materjali għollew 'l fuq fil-prezz, speċjalment meta jeħtieġu ammonti kbar.

Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk flok *floor tiles*, nagħmlux materjal in-situ. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb fil-kuntratt tat-*tender* hemm li dan il-kuntrattur jipprovdi biss *floor tiles.*

Is-Sindku Scott Camilleri wkoll iċċekja mal-*Accountant* Doreen Mintoff biex jara l-Kunsill hux fi stat finanzjarju tajjeb biżżejjed biex jħallas din l-ispiża kollha. Hi kkonfermat, u l-Kunsill ibbenifika mill-iskema ta' Finanzjament marbuta mat-titjib tal-*Playing Fields* li fiha se tkun qed tiffinanzja l-ispiża totali bin-nofs.

Għalhekk il-membri kollha preżenti tal-Kunsill Lokali qablu, li jsir dan ix-xiri flimkien ma' dawn ix-xogħlijiet u appovaw l-ispiża tagħha.

**62.05.07** _Tisqija tal-pjanti:_ Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill Lokali kellu kuntratt ma' *Infrastructure Malta* li fih huma kienu jsaqqu ammont ta' xtieli imdawwrin mal-lokalità. Dan il-kuntratt skada, u b'hekk waqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali. Il-*Contracts Manager* il-Perit Carmel Cacopardo għamel eżerċizzju biex jara tistax issir varjazzjoni fit-tender preżenti tas-*Soft Areas u* Ġonna, fejn jiżdiedu aktar *areas* u b'hekk jitnaqsu l-ispiżi żejda minħabba li ma jinqalax *bowser* għal ftit xogħolijiet biss. It-total ta' kull darba li l-kuntrattur jiġi bil-*bowser*, tkun ta' €643. Din is-somma jaf tkun għolja hekk kif fis-sajf irid ikun aktar frenkwenti. Bħalissa għaddejin b'sistema li l-*Handyman* tagħna għandu sistema ta' tank kbir li jintela' minn ġiebja ta' ġnien tagħna stess u jsaqqi bih, imbagħad iżommilna l-*hourly rate* tiegħu bħala *handyman.*

Din il-kwotazzjoni ta' €643 ma ġietx approvata minn din is-seduta fuq qbil unnanimu tal-Kunsilliera.

## 62.06 Skeda ta' pagamenti u petty cash

_Skeda ta' Pagamenti:_

**62.06.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti

_Petty Cash:_

**62.06.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-*petty cash.*

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg u sekondat mill-Kunsillier Alex Caruana, il-Kunsilliera preżenti kollha approvaw l-iskeda tal-pagamenti u l-*petty cash*.

## 62.07 Komunikazzjoni mis-Sindku

**62.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsillier Simon Buttigieg se jkun qed itiħ id-dekasteru tal-infurzar min-naħa ta' Pulizija, LESA etċ. Dan qabel kien qed jieħu ħsiebu hu. Ser ikun qed jieħu ħsieb ukoll il-Qasam Marittimu u l-Koordinazzjoni tat-Trasport Pubbliku flimkien mal-Kunsillier Johann Borg. Il-Kunsillier Alex Caruana ukoll offra l-għajnuna tiegħu biex jgħin lil Kunsillier Simon Buttigieg peress li hu kellu dan id-

dekasteru fil-passat. Il-Viċi-Sindku Josette Busuttil staqiet għand min jinsab id-dekasteru tal-Għaqdiet. Is-Sindku Scott Camilleri rripsonda li hu qed jieħu ħsieb dan il-qasam.

**62.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kellu talba mingħand il-librar biex iqassmu il-ktieb maħruġ tal-Għaqda Storja u Kultura. Se nkunu qed ngħinu fejn ikun possibli.

**62.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar lill-Kunsilliera preżenti li l-għada hemm l-inawgurazzjoni tal-Bengħajsa *Park.*

**62.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fil-kwistjoni taż-Żurrieq *Joint Committe*, kif ftehmu fis-seduta preċedenti, bħalissa hu qed jikteb l-ittra li se tintbagħat f'isem il-Kunsill li aħna ma qbilnix mal-proposta tagħhom.

**62.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident, fejn fiha issuġerixxa li tissemma triq ġewwa l-lokalità għall-ex Kunsillier is-Sur Joe Baldacchino. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat li din kienet diġa' resqet din il-propostà f'seduta preċedenti. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din il-propostà ser titressaq sabiex terġa tigi diskussa.

**62.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-latrini, kif qiegħed it-tender attwali jaġġusta biex jkun hemm sagħtejn u sagħtejn żejda fix-xhur tas-sajf biex ikun hemm persuna preżenti mal-latrina fiż-żminijiet tas-Sajf. Il-*Contracts Manager,* il-Perit Carmel Cacopardo ħadem *timetable* sabiex jintużaw il-ħaddiema tal-kommunità. Wara li rajna din l-iskeda, din ġiet mwarrba minħabba li l-ħaddiema ma jaħdmux dawk il-ħinijiet. Is-Sindku semma li kien se jkellem lil persuna inkarigata mit-*tenders* biex jara jistax joħroġ *tender* ġdid minflok dak preżenti u jkun jindkudi ħinijiet fit-tul. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk jinħareġ it-tender, dan ikunx lest sas-sajf u s-Sindku Scott ikkonferma li jkun lest sal-bidu tas-Sajf. Il-Kunsillier Joseph Farrugia staqsa sabiex il-Kunsill jitlob l-għajnuna tal-*Cleansing* peress li dawn huma f'postijiet turistiċi. Is-Sindku Scott Camilleri tenna li għalkemm prova jagħmel tentattivi biex ikellmu imma dan ma wassal għal xejn s'issa.

## 62.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**62.08.01** <u>*Caravan Bye-Law:*</u> Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill kien intalab jimla *Health and Safety Impact Report.* Dan sar mis-Sindku u l-persuna inkarigata mit-tenders. Kopja ta' dan ir-rapport mimli ser jgħaddi lil kull Kunsillier biex wara jagħtu l-*feedback* tagħhom lis-Sindku, biex finalment jintbagħat lil-Gvern Lokali. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil saqsiet jekk in-naħa ta' Kalafrana jistax isir *camping*. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Joseph Farrugia rrispondew li ma jistax isir *camping* u li fiż-żona m'hemmx lok fejn isir *camping*.

**62.08.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fi Triq il-Fortizza ta' Bengħajsa hemm Sqaq li m'għandux isem uffiċjali. Resident ġdid f'dan is-sqaq talab lil Kunsill biex japplikaw mal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq biex jingħata isem. Il-Kunsilliera preżenti qablu li dan is-sqaq għandu jingħata isem ta' Sqaq Wied ix-Xaqqa.

## 62.09 Korrispondenza

*Hawnhekk daħal il-Perit Carmel Caccopardo sabiex jintervjeni dwar żewġ punti marbuta ma' applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar - 62.09.01 u 62.09.02.*

**62.09.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Perit Carmel Cacopardo se jitkellem dwar l-applikazzjoni li hemm quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar mill-WSC, bħala '*New Water* Viċin Tiegħek'. Il-Kunsill qabel li se jirreġistra l-interess tiegħu. Il-Kunsillier Alex Caruana talab biex jispjega din il-kwistjoni hekk kif hu u l-iskrivan Christian Mifsud attendew għal-laqgħa mal-*Water Services Corporation.* Din se tkun qed tiġġedded is-sistema ta' *New Water* (li huwa ilma tad-drenaġġ iffiltrat) li se twassal miż-Żejtun saż-Żurrieq. Dan il-proġett irid ikun lest sas-sena 2025. F'Birżebbuġa, minn dan il-proġett ser isir f'fażijiet, min-naħa ta' Triq ix-Xerriek, in-Nigret, jaqsam Triq Għar Dalam (li din hi l-unika triq li se tintmiss) li se ssir f'żewġ iljieli u b'hekk mhux se jkun hemm tul ta' żmien li taffetwa din it-triq tant traffikuża, u jgħaddu mill-Wied. L-għelieqi kollha ta' dik l-akkwata se jkollhom aċċess għal din is-sistema. Fit-tieni fażi tal-proġett se jkun hemm fergħa oħra li se tagħti għan-naħat ta' Bengħajsa u Ħal Far. Din se taħdem li minflok wieħed ikollu ġiebja fl-għalqa tiegħu, wieħed jista' japplika għal *card,* u jieħu l-ilma minnha. Din se jkollha żewġ vantaġġi. Waħda li l-ilma se jkun aħjar biex issaqqi biħ u l-oħra hi l-ilma se jkun hemm dejjem mingħajr il-bżonn ta' ġarr żejjed tal-ilma.

It-toroq li ser issiru x-xogħlijiet fuqhom, se jsiru kollha asfaltati mill-ġdid. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hu jaqbel ma li irrimarka l-Perit Carmel Cacopardo li m'hemmx tagħrif jekk it-tħaffir li jkun meħtieġ li jsir, hux ser ikollu impatt fuq il-wirt kulturali. Hu ssuġġerixxa li ssir sottomissjoni t'interess għal din l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.

Il-Kunsillier Alex Caruana semma li trid issir laqgħa mill-*Water Services Corporation* mal-i*stake holders* kollha li se jiġu affetwati. Fejn dawn se jispjegaw aħjar xinu l-iskop ta' dan il-proġett.

**62.09.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Perit Carmel Cacopardo se jitkellem dwar l-applikazzjoni li hemm quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar biex residenza bin-numru 104, f'Dawret il-Qalb Imqaddsa tinbidel f'*take away.* Il-Perit irrimarka, u li din tista' toħloq inkonvinjent fuq ir-residenti fil-viċinanza maħluqa min-nies u karozzi inkluż l-vetturi tad-*deliveries*, kif ukoll impatt tal-operazzjoni nnifisha, kemm f'dak li hu skart iġġenerat kif ukoll ta' dħaħen u irwejjaħ. Is-Sindku Scott Camilleri staqsa jekk din il-parti hux residenzjali jew kummerċjali. Il-Perit wieġeb li din hija żona residenzjali. Is-Sindku Scott Camilleri issuġġerixxa li l-Kunsill jirreġistra l-interess tiegħu għal din l-appikazzjoni u fejn jifhem li din hija żona residenzjali u għanda titgawda kif inhi. Il-Kunsillier Alex Caruana ma qabilx ma' dan. Is-Sindku Scott Camilleri qal li s-sottomissjoni għanda tinkludi li din hija żona urbana u li għanda tingħata rispett.

**62.09.03** Il-Kunsill irċieva talba biex jinxtraw kotba tal-Ġimgħa Mqaddsa u ġie ssuġġerit li jinxtraw minn għaxar (10) kotba biex il-flus li jinġabru jingħataw lil *Malta Community Chest Fund*. Is-Sindku Scott Camilleri qabel li jekk jinxtraw għaxra minn dawn il-kotba. Dawn għandhom jitpoġġew fil-Librerija Pubblika, fl-iskola Primarja ta' Birżebbuġa. Fuq din kien hemm qbil unnanimu mingħand il-Kunsilliera kollha.

**62.09.04** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem fuq il-kumpanija *Bulletproof,* fejn bażikament dan hu grupp ta' żgħażagħ li fih jagħmlu attivitajiet fiżiċi fejn qed jippromovu saħħa fiżika. F'dan il-proġett diġa' hemm wieħed bħalu fil-*front* ġewwa Tas-Sliema fejn għamlu dan l-*Open-Gym.* Dan il-proġett hu parzjalment finanzjat mill-*Browns Pharmacy.* Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi qal li Birżebbuġa jkun post tajjeb fejn jistgħu isiru dawn l-affarijiet u diġa hemm żona fejn jista' jsir dawn l-apparat. L-installazzjoni tiswa mal-€5,000, jekk il-Kunsill jaqbel jiġi sottemess l-interess tagħna f'dan il-proġett u jkun irid isir *Health and Safety Report.* Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk isir *Risk Assessment* jiġix kompromess minħabba li dawn jistgħu jkunu ta' periklu għat-tfal żgħar. Is-Sindku Scott Camilleri se jitlob għal *breakdown* tal-ispiża u *Engineering Report.* L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal lis-Sindku Scott Camilleri biex jikjarifika li jekk ikun hemm xi inċident minn persuni li qed jagħmlu użu minn dawn l-apparati min ikun responsabbli għalihom. Il-Kunsilliera kollha qablu li nieħdu interess f'dan il-proġett.

**62.09.05** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-*Disabled Parking Bay* li hemm f'Misraħ is-*Summit.* Il-Kunsillier Alex Caruana semma li din fejn tinsab hi perikoluża u għandha tiddaħħal 'l ġewwa. Is-Sindku Scott Camilleri qabel li din titmexxa imbagħad jintbagħat *e-mail* lill-entità konċernata biex jkunu avżati li din imxiet.

## 62.10 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**62.10.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa lill-Kunsilliera li fis-27 ta' Marzu se jiltaqgħa flimkien mas-Sindku, mal-kuntrattur tal-*Bulky Refuse* biex jitkellmu miegħu dwar in-nuqqasijiet fis-servizz tiegħu. Wara din se niltaqgħu dwar l-evalwazzjoni tal-CfQ tal-*Environmental Officer,* u hemm xi *tenders* ġodda li jridu joħorġu u li hemm bżonn jiġu diskussi.

## 62.11 Aġġornament dwar il-vakanzi miftuħa għall-Uffiċjal Eżekuttiv, *Contracts Manager* u Skrivan

*Hawnhekk daħal il-Advisor tal-Kunsill fuq l-interviews, is-Sur Hugh Zammit sabiex jintervjeni dwar is-sejħa t'Uffiċjal Eżekuttiv - 62.11.01.*

**62.11.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li s-Sur Hugh Zammut se jitkellem dwar l-*interviews* li saru għall-ingaġġ t'Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13. Is-Sur Hugh Zammit ta' spjegazzjoni dwar l-intervisti li saru u għal fuq liema bażi ttieħdu d-deċiżjonijiet. Minn erba' applikanti li saru l-intervisti, l-għada tal-*interview* l-ewwel żewġ kandidati li ġabu l-iżjed marki bagħtu li ma kienux aktar interessati. It-tielet waħda talbet biex tiġi taħdem bir-*reduced hours* u *teleworking* (meta t-tfal ikunu ma jifilħux) fejn l-is-sejħa kienet taqra li għal-*full time.* Il-persuna l-oħra li għanda esperjenza kbira f'Kunsilli Lokali u li fejn qed taħdem preżentament, għanda paga ħafna aktar mil-post li mitlub mill-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li kif qal tajjeb is-Sur Hugh Zammit fl-*interview* għal Uffiċjal Eżekuttiv, mill-erba' applikanti, l-ewwel tnejn diġa rrifjutaw il-post tagħhom, u fuq parir tal-bord min ġie fit-tielet u fir-raba' post mhux il-persuni ideali li jimlew dan il-post. B'hekk bi qbil unnanimu, din is-sejħa ser terġa toħroġ fuq il-mezzi soċjali u din id-darba fuq il-gazzetti wkoll biex jintlaħqu numru akbar ta' nies.

**62.11.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li għas-sejħa ta' *Contracts Manager* m'applika ħadd mill-ġdid. Din issa ilha barra għal ammont ta' xhur. Ġie ssuġġerit

li din is-sejħa terġa toħroġ għall-aħħar darba. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-*Contracts Manager* qed jitħallas b'*direct order*. Din is-sejħa ħa toħroġ fuq il-gazzetti mal-avviż ta' qabel din.

**62.11.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li għas-sejħa ta' *Skrivan* bħalissa tinsab għand il-Jobsplus u daqt nibdew nirċievu l-applikazzjonijiet.

## 62.12 Aġġornament: *Draft Leasing Agreement – Malta Freeport Coorporation Multi Storey Car Park*

**62.12.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar il-propostà mill-*Malta Freeport Coorporation* dwar il-*Multi-Storey Car Park,* hu bagħat *email reminder* lill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali l-Onor. Dr. Owen Bonniċi fl-14 ta' Marzu 2023. Sal-llum għadu ma rċieva xejn lura.

Is-Sindku Scott Camilleri tenna li min-naħa tiegħu se jipprova jagħmel kommunikat dirett hu miegħu l-għada tas-Seduta.

## 62.13 *Project Green Scheme* 2023

**62.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li kif diġa informa lill-Kunsilliera kollha permezz ta' e-*mail,* l-applikazzjoni imtliet daħlet. Peress li żmien kien limitat ħafna, intgħażel il-proġett ta' San Ġorġ għax għal dan il-proġett kien hemm il-pjanti lesti. Issa nistennew jekk tkunx magħżula.

## 62.14 *Final withholding tax* marbut ma' kont bankarju

**62.14.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li fil-*management letter* marbuta mas-Sena Finanzjarja 2021, nġibdet l-attenzjoni li hemm kont bankarju ma' Bank lokali li kull darba qed tinqata' t-taxxa fuqu. Fil-*management letter* ġie mitlub sabiex ninfurmaw lill-Bank lokali imsemmi sabiex ma tinqgħatax din it-taxxa minn dan il-kont. Fil-*management letter* irrimarkaw li l-Kunsiili Lokali huma eżentati minn din it-taxxa.

Is-Sindku Scott Camilleri semma li dan il-kont kien jintuża għal skemi tal-GALXlokk u Fondi Ewropej oħrajn. Il-Kunsill qed jeħel dawn ic-*charges* fuq dan il-kont, kull meta jkun hemm perjodu twil li ma jintużax.

Il-Kunsilliera kollha qablu li marbut ma' dan il-kont għandu jsir l-arragement mal-Bank sabiex ma tibqax tinqata' din it-taxxa.

*Bħalissa it-19.45h u l-Kunsillier Joseph Farrugia talab biex jiġi skużat minħabba raġunijiet personali.*

## 62.15 Traffiku, Parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**62.15.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet lil Kunsillier Alex Caruana fiex waslu x-xogħlijiet fir-rigward il-*pelican crossings* fi Triq il-Port Ħieles. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li x-xogħlijiet ser isiru u li kien ser jiċċekja rigward id-dwal tal-*pelican crossings* peress li x-xogħolijiet għadhom għaddejjin.

**62.15.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar il-*pelican crossings* ta' Triq San Ġorġ (biswit il-*Miracle Foods*). Il-Kunsillier Alex Caruana qal li din diġa kienet hemm u tista' taqbad u tinżebaħ mill-ġdid.

**62.15.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li fi Triq San Ġorġ (quddiem il-*Miracle Foods*) suppost hemm bus stop impinġija mal-art u m'għadiex tidher. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li se jiċċekja dwara.

**62.15.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk in-naħa tat-Trelleborg hux ma' Birżebbuġa. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li dawn jagħmlu mal-INDIS. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil kompliet tgħid dwar il-kontejners li qiegħdin abbandunati f'dawn in-naħat, min-naħa tal-Kunsill se jsir rapport mal-INDIS.

**62.15.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar id-dawl ta' Triq Dun Ġorġ Żammit ma' Triq il-Barrieri u għaliex dan għadu ma sarx. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li se jmur jiċċekja hu filgħaxija.

**62.15.06** Is-Sindku Scott Camilleri qal li għal Triq il-Fortizza trid issir applikazzjoni għal *Speedhumps.* Il-Kunsillier Alex Caruana qal li din l-appikazzjoni diġa' saret imma għadna mingħajr risposta.

**62.15.07** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet dwar l-i*speedhumps* fi Triq il-Qajjenza u Triq San Ġużepp. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda billi qal li skada t-*tender* u issa se joħroġ *tender* ieħor biex dawn isiru. Il-Kunsillier Alex Caruana żied jgħid li suppost kellu jiġi l-kuntrattur biex jagħmilhom imma għalkemm pruvaw jikkuntatjawħ kemm il-darba baqa' ma rrispondiex.

**62.15.08** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma dwar id-*disabled parking bay* fi Triq il-Folklor. Is-Sindku Scott Camilleri semma li għandna niċċekjaw hemmx bażi kommunali f'din l-akkwata. Il-Kunsill se jgħaddieha lil *Transport Malta* u tagħmel evalwazzjoni min-naħa tagħha

**62.15.09** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-Kunsill irċieva talba minn persuna sabiex din tingħata *card* tal-*barrier* biex tkun tista tinżel fuq ix-xatt. Il-Kunsill aċċenna li saret rampa għal nies b'diżabbiltà sabiex jagħmlu użu minnha u jinżlu x-Xatt minnha. Għalhekk it-talba ta' din il-persuna ma ġietx aċċettata. Il-Kunsillier Alex Caruana issuġġerixxa li jekk il-Kunsill jinghata lok għal aktar parkeġġ f'dik l-*area* kif qed jiġi mitlub, l-aktar *parking bay* viċin tar-rampa, għandu jkun riservat għal dan il-għan.

**62.15.10** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħlet talba għal bozza ġdida fi Triq tal-Papa n-naħa tal-għelieqi. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hemm arblu fejn tista' titwaħħal bozza miegħu u jekk tkun LED din tista' tagħti ħafna dawl lil din it-triq u jistgħu jeħlu żewġ bozzoz oħra fl-istess triq u li l-Kunsill applika għal permess ta' żewġ arbli. Dan tal-aħħar kompla billi qal li se japplika għaż-żewġ bozoz biex joħrog il-permess. Il-Kunsill qabel li napplikaw għalihom.

**62.15.11** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li hemm problema fi Triq John Grech hekk kif ma hemmx dawl fiha. Il-Kunsillier Alex Caruana u s-Sindku Scott Camilleri qallu li hemm bżonn isir dawl hemm. Is-soluzzjoni hi li jew isiru arbli żgħar inkella jeħlu mad-djar.

Għalkemm il-Kunsillier Alex Caruana jemmen li lanqas hemm dawl jissuplixxi din it-triq biex isir dawl ma' arbli. Hu se jmur jiċċekja mal-kuntrattur u jissuġġerixxi fejn dawn għandhom isiru.

**62.15.12** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li hemm problema fi Triq De Redin hekk kif wara li twaħħlet bozza fit-Triq kien hemm residenti li gergru fuq din il-ħaġa u qed jesiġu li din titneħħa għaliex din hija triq privata. Il-Kunsillier Alex Caruana qed jisħaq mal-kuntrattur tad-dawl biex jeħlu xi *shades* biex tittaffa dil-kwistjoni, imma l-kuntrattur ma jridx li jekk jinqala xi ħaġa lil dan is-*shade* u jweġġa xi ħadd, jkun responsabbli tagħha hu. Is-Sindku Scott Camilleri saqsa lil Kunsillier Alex Caruana biex jkellem lil kuntrattur biex dawn isiru *low lying* ħalli din il-kwistjoni tissolva kemm jista' jkun malajr.

**62.15.13** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li bħalissa fi Triq il-Port Hieles hemm diskussjoni għaddejja bejn il-Kuntrattur, *Infrastructure Malta* u l-*Public Works* minħabba l-istima tal-proġett tal-i*storm waters*. S'issa jidher li m'hemmx qbil fuq il-prezz tal-kuntrattur. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa biex kemm jista' jkun malajr issir laqgħa ma' *Infrastructure Malta* biex ngħidulhom x'se nagħmlu. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li nbagħatet *email* illum dwar din il-laqgħa.

**62.15.14** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li hemm problema fi Triq San Tumas fil-kantuniera fejn kien hemm parking bay u ftit tax-xhur ilu tneħħiet u saret ta' mutur. Dan staqsa x'sar minnha. Is-Sindku Scott Camillier staqsa biex ikun jaf fejn hi eżatt u talbu jfakkru fiha l-għada.

**62.15.15** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-*One Way Diversions* ta' Triq San Franġisk Saverju fejn kellu kommunikazzjoni mas-Sur Andrew Haig minn *Transport Malta*, kellu jiltaqa' miegħu fuq il-post imma s'issa għad m'hemmx data. Il-Kunsillier Alex Caruana qed jistenna biex meta jkollu data jinforma lis-Sindku Scott Camilleri biex jattendi miegħu wkoll.

## 62.16 Proġetti u Skemi

**62.16.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li f'dan l-aħħar ġimgħatejn ħargu sitt skemi mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u mir-Reġjun tan-Nofsinhar. Dawn huma:

- *SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024.*
  *(Data ta' l-għeluq: L-Erbgħa 26 t'April 2023)*

- *SPI/SCI/02/2023 - Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.*
  *(Data ta' l-għeluq: Il-Ġimgħa 28 t'April 2023)*

- *SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023.*
  *(Data ta' l-għeluq: Il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2023)*

- *SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja Komunitajiet aktar siguri u organizzati.*
  *(Data ta' l-għeluq: Il-Ġimgħa, 28 ta' Lulju 2023)*

- *SPI/SCI/05/2023 - Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.*
  *(Data ta' l-għeluq: il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu 2023)*

- *Skema mir-Reġjun tan-Nofsinhar KRN/01/2023 - Skema żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi fir-Reġjun tan-Nofsinhar 2023*

**62.16.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-iskema mir-Reġjun tan-Nofsinhar rigward *żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi fir-Reġjun tan-Nofsinhar* ma kienx hemmx lok li napplikaw minħabba li l-latrini għadhom kif ġew rinovati riċentament u waħda minnhom qed issir mill-*Cleansing and Maintanance Department.*

**62.16.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li f' *SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024* il-Kunsill se japplika għall-iskema tal-Milied wara kjarifikazzjonijiet min-naħa tal-Reġjun tan-Nofsinhar. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li napplikaw għal din l-iskema.

**62.16.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu tkellem mal-librar fuq *SPI/SCI/02/2023 - Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex* minħabba li s-sena l-oħra kienu inbidlu ħames xkafef, u din is-sena l-Kunsill se japplika biex jinbidlu l-għaxra l-oħra. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li napplikaw għal din l-iskema.

**62.16.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma f' *SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023* il-Kunsill dejjem japplika għaliha. Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li se tkellem lil grupp tal-*Clean Ups* ta' Birżebbuġa biex din issir fid-data li dejjem issir. Għal din l-attivita jinġieb apparat ġdid. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li napplikaw għal din l-iskema.

**62.16.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma f' *SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja – Kommunitajiet aktar siguri u organizzati.* Il-Kunsill se japplika għal *cameras* minn Wied il-Buni sal-Parkeġġ. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li napplikaw għal din l-iskema.

**62.16.07** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar ir-rampa li hemm Wied il-Buni, bħalissa din mhix ta' problema minħabba li mhux is-Sajf imma fis-Sajf il-Kunsillier Alex Caruana qed jikkonfondi li se jkun hemm nies li jibqgħu neżlin bil-karozza fuq il-*Promenade.* Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-aħjar ħaġa li tista' ssir hi jitwaħħlu flexi bollard ħdejn il-mattonċin, ħalli għal fini ta' Pulizija ma jkunx hemm problemi. Min-naħa ta' quddiem tibqa' l-katina bil-katnazz u ssir *Loading/Unloading Bay* fuq il-*Promenade* u tkun bil-ħinijiet speċifiċi. Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem li hemm bżonn isir iżjed infurzar minħabba tad-dgħajjes u hemm bżonn nitkellmu mal-LESA.

**62.16.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li f' *SPI/SCI/05/2023 - Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali* hemm bżonn tiġi diskussa fis-seduta li jmiss hekk kif għad hemm ammont ta' żmien biex tiddaħħal l-applikazzjoni.

## 62.17 Saħħa, indafa u ambjent

**62.17.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien hemm l-ewwel laqgħa mal-Perit dwar il-berġa tal-*Primary Healthcare* biex jara x-xogħol intern li irid isir fil-berġa. Intbagħtet *list of specifications* mitluba mill-*Primary Health* għall-Perit biex issir BOQ u *progression of works.*

**62.17.02** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li mhux ikun hemm indafa kif suppost fit-toroq, u qed isaqsi min hu responsabbli minn dawn. Hu semma eżempju fuq Triq Birżebbuġa li għadha maħmuga wara l-maltempata tal-10 ta' Frar. Is-Sindku Scott Camilleri qal li issa din il-materja hi taħt il-*Cleansing and Maintenance Department*. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qablet li mhux ikun hemm biżżejjed indafa. Hemm bzonn isir meeting mal-*Cleansing and Maintenance Department* biex jitkellmu dwar *minor issues*. Is-Sindku Scott Camilleri issuġġerixxa li ssir laqgħa mal-*Cleansing and Maintenance Department*.

**62.17.03** L-Aġent Segretarju Ezekuttiv Jordy Brincat qal li aktar kmieni bagħat email lid-DG tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u lid-DG tal-*Cleansing and Maintenance Department* minħabba li dan ix-xhar jiskadu s-sitt xhur minn meta beda dan il-pilot project. Ir-risposta kienet li qed nistennew deċiżjoni tal-kabinett.

**62.17.04** Il-Viċi Sindku Josette Busttil semmiet li kienet bagħtet *e-mail* fuq għalqa tal-Brolli li fiha ħafna ġrieden. Tkellmet ukoll mal-Kunsiller Alex Caruana fuq bankina u dan rrisponda li tkellem mal-Perit u qed jagħmel *setting out* biex issir bankina. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għal ħmieġ se nkellmu lil *Cleansing & Maintenance Department* u għal-ġrieden isiru l-kaxxi.

**62.17.05** Il-Kunsillier Alex Caruana semma l-ħaxix ħażin u s-Sindku Scott Camilleri qal li min-naħa tiegħu bagħat wieħed mill-ħaddiema tal-kommunità sabiex jaqtgħu. Ix-Xatt il-ħaxix ħażin irid jitneħħa min-nies tagħna, u tan-naħa tal-ġnien inħarat u lest. Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li hemm biċċa f'Arturo Issell li ssir mill-ELC, u il-Kunsillier Alex Caruana se jiccekja fuq din is-sitwazzjoni biex jara eżatt x'hemm.

**62.17.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil saqsiet jekk is-siġar ta' ħdejn il-Knisja jinżabru darba fis-sena biss. Il-Kunsilliera Maria Mifsud ikkonfermat dan.

## 62.18 Attivitajiet

**62.18.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li fl-attività li jmiss sejrin Sqallija u l-*booking* miexi ġmielu. Wara hemm attività għal Jum l-Omm u ta' wara hemm attività għal Jum il-Missier.

**62.18.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li trid tibda taħdem fuq l-Imnarja, u saqsiet lil Kunsill x'se jkun hemm fondi allokati. Is-Sindku Scott Camilleri irrisponda li l-ewwel toħroġ bil-propostà u bil-pjan ta' x'se jsir imbagħad nitkellmu dwara.

**62.18.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li trid tibda taħdem fuq Jum Birżebbuġa, hekk kif tixtieq titkellem ma' *producer* ta' filmat, biex insellmu l-memorja ta' dawk il-kunsilliera kollha li ħallewna. Hi talbet biex tiġi provduta bir-ritratt tal-Kunsilliera.

**62.18.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkelmet mas-Sindku biex iżżid *award* ieħor. Dan ikun: *The Joe Baldacchino Sports Award.* Is-Sindku Scott Camilleri qal li jrid jagħmel *draft paper* biex ikun jista' jagħmel dan l-*award.*

## 62.19 Kultura, żgħażagħ u sport

**62.19.01** Il-Kunsillier Doriana Portelli saqsiet jekk kienx hemm xi *update* dwar it-*tennis court,* u s-Sindku Scott Camilleri irrisponda li s'issa ma rċivejna xejn.

## 62.20 Affarijiet oħra

**62.20.01** Il-Kunsillier Alex Caruana semma dwar *meter* tad-dawl li hemm mal-promenade. Hu diġa tkellem mal-*Enemalta* dwaru. Dan il-*meter* jixgħel il-*promenade* u l-konsum m'għandux jitħallas mill-Kunsill, u s'issa ma rċivejna xejn min-naħa tagħhom. Is-Sindku Scott Camilleri talab biex tintbgħat kjarifika biex naraw kif ser nibqgħu.

**62.20.02** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li l-*Loading/Unloading Bay* tal-pjazza fejn tal-ħaxix. Jidher li t-tabella li kien hemm xi ħadd neħħiha. Ġie maqbul li nordnaw oħra.

**62.20.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil saqsiet hux vera li se jinbiegħ il-bank il-magħluq. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana qalu li ma semgħu xejn.

**62.20.04** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar Triq iż-Żebbuġ. Infrasturcture Malta kienu qalu li meta ser issir it-triq kienu ser jirranġawha huma, imma baqgħat ma saritx. Hu żied jgħid li hemm mixtrija erba' fanali u bankijiet għal hemm ukoll. Ġie issuġġerit li jsir *inprint pavement* u s-Sindku Scott Camilleri qal li nitkelmu mal-*Public Works Division* ħalli naraw kif ser nibqgħu.

## 62.21 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**62.21.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30h wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 17 t'April, 2023, fil-17:30h.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________________ | ____________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |